Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,778, 2 ta' Frar, 2022

Taqsima B

A.L. 44 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Translation and Terminology Studies jew għall-Grad ta' Master in Interpreting Studies taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Translation and Terminology Studies jew għall-grad ta' Master in Interpreting Studies u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Translation and Terminology Studies jew għall-grad ta' Master in Interpreting Studies taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 67 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2021 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-applikanti li għandhom il-Postgraduate Diploma in Translation and Interpreting jistgħu jitħallew jidħlu fit-Tieni Parti tal-Kors, sakemm li dawn l-applikanti għandhom jagħżlu t-"Traduzzjoni" jew l-"Interpretazzjoni" bħalha l-qasam ta' studju tar-riċerka tagħhom."

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. (1) L-istudenti li jtemmu b'suċċess is-60 krettu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma li huma inklużi fl-Ewwel Parti tal-Kors b'marka medja ta' mill-anqas 50%, iżda jagħżlu li jissoktawx għat-Tieni Parti tal-Kors, jew għalkemm komplew ma jtemmux b'suċċess il-Kors, ikunu eliġibbli għall-għoti ta' Postgraduate Diploma fil-qasam ta' studju rilevanti.

(2) L-istudenti li jiksbu għall-anqas 30 krettu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jissoktawx il-Kors, jew għalkemm komplew ma jtemmux il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti ta' Postgraduate Certificate fil-qasam ta' studju rilevanti.